KITBA MAGĦŻULA #4

ŻIEDA MA'
SHARE



Silta minn

# *L-Eżistenzjaliżmu huwa Umaniżmu*

## JEAN-PAUL SARTRE

# daħla

minn Kevin Saliba

Din is-silta meħuda minn essej imsejjes fuq taħdita pjuttost storika li Jean-Paul Sartre kien ta f'Pariġi fir-Rebbiegħa tal-1945. Fis-sena ta' wara ġiet ippubblikata bl-isem *L-Eżistenzjaliżmu Huwa Umaniżmu*. B'dit-taħdita Sartre ried "jiddefendi l-eżistenzjaliżmu minn diversi tmeriji". Dan ġara fi Franza li, ma ninsewx, kienet għadha qed tistejqer mit-Tieni Gwerra Dinjija. Għaldaqstant dan l-eżerċizzju joffri stampa ta' kif Sartre kien irrisponda – filosofikament – għat-theddid tal-ordni dinjija ta' żmienu, voldieri l-Okkupazzjoni Ġermaniża.

Fl-istudji Sartjani jitqies test importanti: kemm għax jippreżenta bosta ideat ċentrali tal-iskema tal-eżistenzjaliżmu tiegħu, u kemm għax fl-istess waqt jesponi bosta xquq fil-binja tal-viżjoni *umana* tiegħu, saħansitra fuq livell fundamentali. Id-diskors tagħha jixbah ħafna 'l dak li kien ippubblika mat-tlieta snin qabel fl-opra filosofika manja tiegħu *L-Essri u x-Xejn*. B'danakollu ċerti skulari jispekulaw li kien proprju dan il-ktejjeb li ssiġġilla l-istatus ta' Sartre bħala *l-filosfu tal-eżistenzjaliżmu*. Iżda maż-żmien kien Sartre stess li ddispjaċih li mar ippubblika dit-taħdita, għax l-eżitu kien pjuttost diżappuntanti. B'referenza għal dan it-test, ftit snin qabel mewtu kien ammetta mal-ġurnal *The New Yorker* li "bil-ftit il-ftit fhimt li d-dinja hija iżjed ikkumplikata minn hekk".

Ma tridx wisq biex tifhem għaliex. Ibda biex imkien ma jiġġustifika tajjeb, pirkażu, l-għaliex isejjes l-umaniżmu eżistenzjali fuq in-nozzjoni tal-libertà radikali. Minnu, ġaladarba l-libertà tagħna tiddependi minn dik tal-bqija, il-libertà tal-oħrajn tgħodd daqs tagħna u allura trid tkun ukoll l-għan prinċipali tagħna. Iżda jekk "l-infern huma n-nies tad-dinja", kif jiddikkjara Joseph Garcin fid-dramm *Bil-Bibien Mitbuqa (Huis Clos)*, ikun bla fejda li nsibu kenn fir-refuġju tal-intersuġġettività umana. Iktar u iktar meta anke għajnejn l-oħrajn huma għamla ta' jasar. Dan Sartre kien diġà werieh fil-mod xejn promettenti – għad illi aktarx korrett – kif f'*L-Essri u x-Xejn* Sartre kien fisser id-dinamiki sado-mażokisti tar-relazzjonijiet umani.

Problematika wkoll l-istqarrija peżanti li kull meta individwu jagħżel ikun qiegħed difatti jagħżel b'mod universali għal kulħadd. F'dar-rigward il-kalkoli morali ta' Sartre għandhom xi ftit mill-etika deontoloġika ta' Kant. U ħaġa ċara: ħafna drabi ma jreġux. Sartre hawnhekk ikompli jgħidilna li l-għażla dejjem possibbli, għax kif spjega ma' *The New Yorker*, fi żmien ir-Reżistenza l-għażla għall-Franċiż kienet pjuttost sempliċi: "jew favur il-Ġermaniżi jew kontrihom". M'għaddewx sentejn, imbagħad, li ma ħoloqx il-karattru ta' Heinrich – li fid-dramm tiegħu *Ix-Xitan u t-Twajjeb Mulej* (*Le Diable et le Bon Dieu*) jisfa' f'*sitwazzjoni* fejn ħassha impossibbli jagħżel bejn il-foqra li abbandunaw il-Knisja u l-Knisja li abbandunat il-foqra.

Minkejja d-difetti kollha tiegħu t-test xorta huwa relevanti ħafna fi żmienna. Id-dinja ta' Sartre kienet differenti minn tagħna, iżda jgħaddi kemm jgħaddi żmien il-bniedem dejjem jibqa' kkonfrontant bl-istess għażliet. U llum, meta donnu m'ilux id-dinja *nxteħtet* f'ordni dinjija ġdida, żgur ma nagħmlux ħażin jekk nerġgħu nqisu t-taħdita *L-Eżistenzjaliżmu Huwa Umaniżmu* b'għajnejn iżjed friski. Jekk xejn, jaf tipprovdilna għodod ta' ħsieb utli ħafna biex inqisu l-implikazzjonijiet tal-għażliet morali tagħna f'dinja li kulma jmur qiegħda ssir dejjem iżjed ostili.

Biss dan jaf ma jibbastax biex iħoll il-kobba ta' "x'ser isir il-bniedem". Għandu mnejn bl-umaniżmu u bl-eżistenzjaliżmu biss ma naslux. Heidegger żmien ilu kien qalilna li "*xi* Alla biss jista' jsalvana". Aktarx Sartre kieku llum xorta jwiegbu "*alla*ħares".

# L-EŻISTENZJALIŻMU HUWA UMANIŻMU

Nixtieq niddefendi l-eżistenzjaliżmu minn ċertu għadd ta’ tmerijiet li sarulu. Ibda biex saritlu x-xilja li dana jħajjar lin-nies jintelqu fi kwetiżmu ddisprat. Dan għax billi minnu li fil-mazzita dejjem hemm żbiba, allura jkollna nqisu li l-azzjoni f’did-dinja hija impossibbli għalkollox. U dlonk b’dan nsibu ruħna, imbagħad, fi sfiegħ filosofija kontemplattiva. Oltri dan, ġaladarba l-kontemplazzjoni hija ħaġa tal-lussu, allura b’din nerġgħu lura xiku briku fil-filosofija borgiża. Tali kritiki jressquhom b’mod speċjali l-Komunisti. […]

F’kulma nkunu rridu dejjem ikun hemm fatturi probabbli. Nista’ nserraħ rasi mill-wasla ta’ ħabib tiegħi. Dan il-ħabib ġej bit-tren jew bit-tramm. Dan jissuponi li t-tren jasal fil-ħin skedat jew li t-tramm ma jisfax barra mil-linji tal-ferrovija. Hemmhekk nibqa’ fl-isfera tal-possibbli, iżda dan jinvolvi biss suppożizzjoni dwar ħwejjeġ possibbli li jaqgħu strettament fl-ambitu ta’ għemili. L-aldilà mill-punt fejn il-possibbiltajiet li nqis ma jibqgħux fi lħiq driegħi m’għandux jinteressani, ladarba m’hemm l-ebda Alla jew destin li jista’ jillapazza lid-dinja u l-possibbiltajiet tagħha skont ridti. Fis-sew il-qawl ta’ Descartes “aħkem lilek innifsek pjuttost milli lid-dinja” jfisser l-istess ħaġa: aġixxi mingħajr stennija.

Il-Marksisti li tħadditt magħhom weġbuni hekk: “L-

## TRADUZZJONI MILL-ORIĠINAL FRANĊIŻ

azzjoni tiegħek ser tkun, m'hemmx xi ngħidu, limitata minn mewtek. B'danakollu dejjem tista' torbot fuq l-appoġġ tal-oħrajn. Dan ifisser li trid toqgħod fuq dak li ser jagħmlu l-oħrajn fiċ-Ċina u fir-Russja biex jgħinuk u fl-istess mentri wkoll fuq dak li dawn għad jagħmlu aktar tard wara mewtek biex jissoktaw u jmexxu 'l quddiem l-azzjoni tiegħek sat-twettiq aħħari tagħha: ir-Rivoluzzjoni. Għandek ukoll tafda f'dan daqsinsew, inkella tkun bla morali int". Jiena hawn inwieġeb, qabelxejn, li biħsiebni dejjem nafda fil-kumpanni tiegħi, dejjem dment li jkunu kommessi annuna miegħi fi ġlieda konkreta u komuni, u f'għaqda ta' partit jew tajfa li nista' xi ftit jew wisq nikkontrolla u li fiha nkun, jiġifieri, militanti u konxju f'kull waqt mill-movimenti tagħha. F'dal-każ, il-fiduċja fl-għaqda u fir-rieda ta' dan il-partit tkun sewwasew l-istess ħaġa bħall-fiduċja li t-tramm ser jasal fil-ħin jew li t-tren ma jisfax barra mil-linji. Iżda ma nistax noqgħod fuq bnedmin ma nafhomx billi norbot fuq it-tieba umana jew fuq l-interess tal-bniedem affavur il-ġid tas-soċjetà, ġaladarba l-bniedem huwa liberu u m'hemm l-ebda natura umana li nista' nsejjes kollox fuqha.

F'xiex għad issarraf ir-Rivoluzzjoni Russa ma nafx. Nista' biss nammiraha u ngħoddha b'xempju idoneu sal-punt illi qiegħda turini, illum, li fir-Russja l-proletarjat qiegħed jilgħab parti li m'hu qed jilgħabha mkien ieħor. Iżda ma nistax noqgħod inbannas li din ser twassal, żgur mhux forsi, għat-tijonf tal-proletarjat. Ikolli nillimita ruħi għal dak li qiegħed nara fil-mument. Ma nistax inkun ċert li wara mewti l-kumpanni tiegħi ser jissoktaw b'ħidmieti ħalli jwassluha sal-quċċata tal-perfezzjoni, ġaladarba dawn il-bnedmin huma liberi u għada pitgħada għad jiddeċiedu, b'mod liberu, x'ser ikun il-bniedem. Għandu mnejn fil-ġejjieni, wara mewti, xi talin jiddeċiedu li jdaħħlu fis-seħħ il-Faxxiżmu u abbli l-oħrajn ikunu tant kodardi u ċapsa li jħalluha tgħaddi tagħhom. Sewwasew f'daka l-waqt il-Faxxiżmu jkun il-verità tal-bniedem u kbira tkun il-ħsara tagħna lkoll. Fir-realtà l-affarijiet allura mbagħad ikunu kif il-bniedem ikun fettillu jiddisponi li jridu jkunu. Ifisser dan li għandi nagħtiha għall-kwetiżmu? Lanqas xejn. L-ewwel irrid nimpenja ruħi, imbagħad jenħtieġ naġixxi skont

il-formula antika li tgħid illi "għalbiex naġixxu ħjieġ it-tama m'għandniex". Dan ma jfissirx li m'għandix nappartieni lil xi partit. Ifisser, iżda, li filwaqt li ma ngħodd xejn b'fatta biħsiebni nagħti, xorta waħda, dak li nista'. Pirkażu, jekk nistaqsi: "il-kollettiviżmu veru u proprju għad qatt iseħħ tabilħaqq?" Fejn naf? Naf biss li ser nagħmel kulma m'għandi s-setgħa nagħmel biex dan isseħħ. Mill-bqija ma nista' noqgħod fuq xejn.

Il-kwetiżmu hija l-attitudni ta' dawk li jgħidu: "ħalli l-oħrajn jagħmlu dak li ma nistax nagħmel jien". Id-duttrina li qiegħed inressqilkom hawnhekk hija proprju l-oppost tal-kwetiżmu, u dan għax din tistqarr hekk: "m'hemm l-ebda realtà għajr fl-azzjoni". Dina tmur ukoll saħansitra oltre, għax iżżid tgħid: "il-bniedem mhuwa xejn iktar mill-proġett tiegħu. Jeżisti biss sal-ħażż li jseħħlu jwettaq lilu nnifsu. Għaldaqstant mhuwa xejn iżjed mill-assjem tal-għemejjel tiegħu. Xejn iktar minn ħajtu". Allura mbagħad nistgħu nifhmu l-għala d-duttrina tagħna tmeżmeż lil ċertu għadd ta' nies. Dan għax spiss ma jkollhomx ħlief mod wieħed kif iġerrgħu l-miżerja tagħhom, voldieri li jaħsbu hekk: "iċ-ċirkustanzi kienu kontrija. Kont niswa ferm iżjed minn kemm filfatt sarraft. Ma kellix xi mħabba manja, jew xi ħbiberija kbira, veru minn daqshekk, iżda dan għax ma ltqajtx ma' raġel jew mara li stħaqqhom dan. Ma ktibtx xi kotba prima klassi, iżda dan għax ħin għalihom ma kellix. Ma kellix ulied li stajt ningħata għalihom, għax ma sibtx raġel li stajt nibni ħajti miegħu. Immela hemm, ġewwa fija, għadd ġmielu ta' xejriet, xeħtiet u possibbiltajiet – xejn sfruttati iżda għalkollox fattibbli – li lili jagħtuni valur illi s-sempliċi serje tal-atti tiegħi ma tħallikx tikkwantifika".

Issa għall-eżistenzjalist, fis-sew, m'hemmx imħabba lil hinn mill-għemejjel ta' mħabba. M'hemmx possibbiltà ta' mħabba għajr dik li toħroġ fid-dieher fl-imħabba. M'hemm ġenju imkien għajr fl-iswed fuq l-abjad tal-opri tal-arti. Il-ġenju ta' Proust huwa l-intier tax-xogħlijiet ta' Proust. Il-

ġenju ta' Racine huwa s-sensiela tat-traġedji tiegħu. Oltri dan m'hemm xejn. Dan imnejn safejn irridu nattribwixxu 'l Racine il-possibbiltà li seta' kiteb traġedja oħra proprju għax ma kitibhiex? Il-bniedem jimpenja ruħu f'ħajtu, ipinġi l-kwadru tiegħu, u lil hinn minn dal-kwadru m'hemm xejn.

Dina l-fehma, m'hemmx xi ngħidu, jaf tidher ħarxa f'għajnejn min f'ħajtu ma seħħlux jirnexxi. B'danakollu, mill-banda l-oħra, din tpoġġi lin-nies f'qagħda li jifhmu li hija biss ir-realtà li tgħodd tabilħaqq, u li l-ħolm, l-istennijiet u t-tamiet jippermettulna biss li niddefinixxu 'l dak li jkun bħala ħolma qarrieqa, bħala stennija bla tlestija, bħala tama bla temma – voldieri dawna jiddefinixxuh b'mod negattiv u mhux b'mod pożittiv. Madankollu l-qawl li jgħid illi "l-bniedem mhuwa xejn ħlief il-ħajja tiegħu" ma jfissirx li l-artist ser ikun iġġudikat abbażi tax-xogħlijiet artistiċi tiegħu biss. Mal-elf ħaġa oħra tilgħab parti indaqs fid-definizzjoni tiegħu. Dak li rridu ngħidu hu li l-bniedem mhuwa xejn għajr sensiela ta' proġetti – is-somma, l-organizzazzjoni u l-assjem tar-relazzjonijiet li jsawru dawn il-proġetti.

Fid-dawl ta' dan, dak li jħaqquha magħna fuqu n-nies, wara kollox, mhuwiex il-pessimiżmu iżda l-ottimiżmu stinat li nuru. Jekk in-nies imaqdrulna r-rumanzi li fihom niddeskrivu bnedmin fjakki, debbuli, kodardi u ġieli wkoll sfaċċatament malinni, jagħmlu dan mhux biss għax dawn it-tizji jkunu fjakki, debbuli, kodardi jew malinni. Għax nagħmlu mod li, kif għamel Zola, inġibuha li dawn in-nies sfaw hekk kaġun ta' fatturi ereditarji, jew inkella sforz l-impatt tal-ambjent jew tas-soċjetà, jew ħtija ta' xi determiniżmu organiku jew psikoloġiku. Imbagħad, kieku, in-nies jieħdu r-ruħ u erħilhom jgħidu: "rajtx, hekk magħġun qaddisna, u ma jista' jagħmel xejn ħadd". Iżda l-eżistenzjalist, meta jiddeskrivi 'l xi ħadd ġifa, jgħid li dal-ġifa huwa responsabbli mill-ġjufija tiegħu. Dal-ġifa mhuwiex ġifa għax għandu qalb, pulmun jew moħħ ta' ġifa. Mhuwiex ġifa kaġun ta' xi tiswira fiżjoloġika – hu li hu għax tkewwen f'ġifa permezz ta' għemilu. Temperament ġifa m'hemmx. Hemm temperamenti nervużi. Hemm, kif jgħidu n-nies komuni, "id-demm baxx". Hemm temperamenti rikki. Iżda bniedem

b'demm baxx mhuwiex ġifa bil-kaġun ta' dan, għax dak li jġib il-ġjufija huwa l-att tar-rinunzja jew tat-toħlija, u t-temperament minnu nnifsu mhuwiex att. Niddefinixxu l-ġifa abbażi tal-att li dan ikun għamel. Li tbeżża' u tkexkex lin-nies hija l-impressjoni li l-ġifa kif nippreżentawh aħna huwa ħati tal-ġjufija tiegħu. In-nies sempliċement iridu li jew jitwieldu kodardi jew inkella eroj.

Waħda miċ-ċamati li spiss tlaqqat it-triloġija ta' rumanzi tiegħi *It-Toroq tal-Libertà* tgħid hekk: "imma fl-aħħar mill-aħħar, lil dan-nies tant fjakki kif tagħmilhom eroj?" Oġġezzjoni bħal din kważi ddaħħakni, għax din tassumi li hemm nies li jitwieldu eroj. U fil-fond nett proprju hekk jixtiequ jaħsbuha: "jekk twelidt ġifa ser tgħaddiha trankwill, ma tista' tirmedja b'xejn, ser tkun ġifa għomrok kollu, tagħmel x'tagħmel. Jekk twelidt eroj ser tgħaddiha trankwill xejn inqas, ser tkun eroj għomrok kollu, ser tixrob ta' eroj, ser tiekol ta' eroj". Mentri l-eżistenjalist jgħid li huwa l-ġifa li jsir ġifa, huwa l-eroj li jsir eroj. Dejjem ikun hemm il-possibbiltà li l-ġifa ma jibqax ġifa u li l-eroj jieqaf ikun eroj. Dak li jiswa tassewwa huwa l-impenn totali, u xi każ wieħed jew xi att partikulari mhux ser jibbasta biex jimpenja 'l dak li jkun b'mod totali.

B'hekk weġibna, nemmen jien, għadd ta' tmerijiet li jsiru lill-eżistenzjaliżmu. Kif qed taraw, dan ma jistax jitqies bħala filosofija kwetista, ġaladarba dan isejjes id-definizzjoni tal-bniedem fuq l-azzjoni. Lanqas jista' jitqies bħala deskrizzjoni pessimista tal-bniedem. Anzi, m'hemmx duttrina iżjed ottimista minn din, ġaladarba xlief id-destin tal-bniedem jinsab f'idejh stess. Ma jistax jitqies lanqas bħala tentattiv li jaqta' jies il-bniedem milli jieħu azzjoni, ġaladarba l-eżistenzjaliżmu jgħidlu li mhemm tama mkien ħlief fl-azzjoni tiegħu u li l-azzjoni hija l-unika ħaġa li tippermettilu jgħix.

Għaldaqshekk, fuq dana l-livell, aħna hawnhekk qegħdin nittrattaw morali tal-azzjoni u tal-impenn.

# min kien Jean-Paul Sartre

1905-1980

Dan il-filosfu Franċiż minn Pariġi kien ukoll drammaturgu, rumanzier, attivist politiku, bijografu u kritiku letterarju. Huwa wieħed mill-persunaġġi l-aktar magħrufa fil-filosofija tal-eżistenzjaliżmu u l-fenomenoloġija, kif ukoll wieħed mill-filosfi Franċiżi ewlenin tas-seklu 20 u tal-Marxiżmu.

Ix-xogħlijiet tiegħu għadhom sal-lum jinfluwenzaw ħafna s-soċjoloġija, it-teorija kritika, it-teorija postkolonjali u l-istudji letterarji.

Minkejja xi xogħlijiet filosofiċi tal-bidu fi tmiem is-snin 30 tas-seklu l-ieħor, Sartre għall-ewwel beda jsir magħruf bħala kittieb letterarju b'kitbiet bħal *In-Nawżja* (1938) u *Il-Ħajt* (1939). Iżda meta fl-1943 ħareġ xogħol filosofiku kbir u ewlieni tiegħu, *L-Essri u x-Xejn*, il-fama tiegħu bħala filosfu stabbiliet ruħha. Wara dan baqa' joħroġ għadd imdaqqas ta' kitbiet letterarji, filosofiċi u kritiċi.

Fl-1964 Sartre ingħata l-Premju Nobel għal-Letteratura, iżda ċaħdu għax sostna li la ried onorifiċenzi uffiċjali u wisq anqas isir istituzzjoni.

Fost il-ħidma intellettwali tiegħu, Sarte kien imdaħħal ħafna fil-politika, kemm bħala Marxista kif ukoll bħala antimperjalista u antikolonjalista. Stinka ħafna favur il-ħelsien tal-Alġerija mill-ħakma Franċiża, kif ukoll kontra l-gwerra tal-Vjetnam.

Sartre għadu sal-lum filosofu b'leħen pubbliku kritiku qawwi.

www.philosophysharing.org

Jannar 2017

philosophysharing malta